MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 918/1997/1

Raymond Mifsud
vs
Dipartiment tas-Sahha

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi dan l-ilment hu bazat fuq ingustizzja li kien sofra r-rikorrent bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1989 billi kienet tnaqqsitlu l-paga minhabba transfer li nghata.

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn:

Ir-rikorrent kien jahdem fis-Sezzjoni ta' l-Out Patients ta' l-Isptar ta' Ghawdex minn Novembru tal-1986, liema Sezzjoni kienet tiftah fil-Hdud u fil-festi.

Fl-1989 kienet harget ordni li din is-Sezzjoni ma kelliex tibqa’ tiftah fil-Hdud u fil-festi. Ghaldaqstant ir-rikorrent kien sofra tnaqqis fil-paga li kien jammonta ghal Lm360 fis-sena. Hu kien baqa’ jahdem fl-istess Dipartiment bil-hinijiet il-godda. Ghal din ir-raguni, r-rikorrent kien talab li jigi trasferit f’xi post fejn seta’ jahdem il-Hdud u l-festi izda kienu hallewh fejn kien filwaqt li haddiehor li kien qieghed jahdem f'sezzjoni ohra li ma tiftahx fil-Hdud u fil-festi, irrangawlu biex jahdem fil-Hdud u fil-festi.

Illi kien hemm il-hsieb li jingiebu x-xhieda indikati in sostenn tat-talba.

Ghaldaqstant intalab bil-qima li dan it-Tribunal jisma’ u jiddeciedi dwar l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li ssir gustizzja mieghu, jew inkella jekk dan ir rimedju ma jistax jinghata, li jithallas kumpens skond l-istess ligi.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent u dokumenti esebiti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi ma hemm obbligu da parti tal-Gvern u cioe' tad-Dipartiment tas-Sahha li jiftah id-Dipartiment ta' l-"outpatients" fil-hdud u il-festi. Tali ftuh huwa rregolat biss minn policies amministrattiva li jkunu bbazati fuq htigijiet attwali. Id-decizjoni illi d-Dipartiment ta' l-"outpatients" ma jibqax jopera, ghalhekk kienet decizjoni amministrattiva, prerogattiva tad-Dipartiment tas-Sahha u bl-ebda mod motivata politikament.

Illi t-transfers fi hdan id-Dipartiment jinghataw biss skond l-esigenzi tas-servizz. Ghalhekk gia la darba r-rikorrent ma kienx gie moghti tali transfer dan kien minhabba l-fatt li ma kinetx tezisti l-htiega ghal tali caqlieq.

Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan t-Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet tar-rikorrent stante infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit fejn semma li hu mpjegat mad-Dipartiment tas-Sahha u ilu ghal diversi snin. Bejn l-1 ta' Marzu 1987 u l-1 ta' Mejju 1987, huwa hadem bhala skrivan responsabbli ghall-Medical Records fuq roster ta' A, C, Night, Off. Hu dahal jahdem flok Patrick Piscopo li ma riedx ikompli jahdem dak ir-roster u kien hemm qbil ma' l-istess Patrick Piscopo li jahdem minfloku. Wara bidla fil-gvern, baqa' jahdem fil-Medical Records fuq roster ta' A, B, Night Off. Semma li bejn l-1 ta' Awissu 1987 u l-31 ta' Awissu 1987 hadem fuq roster ta' A, B, Off li kien jinkudi ukoll il-Hdud u l-Festi. Qal li f'sitt xhur biddlulu tliet darbiet ir-roster biex jakkomodaw lil terzi persuni.

Semma li bejn l-1 ta' Novembru 1987 u t-3 ta' Frar 1988 kien qala l-ewwel transfer u mar l-Out Patients fuq roster ta' 6 granet duty u wahda off u baqa' bil-Hdud. Qal li kienu baghtuh hemm sabiex jakkomodaw zewg fattigi, certu Charlie Mifsud u Thomas Casha, li minn fattigi kienu lahqu Security Guards fejn ghadhom sal-lum.

Fit-3 ta' Awissu 1989 kienu waqfu l-allowance tal-Hdud. Hu baqa' jahdem fid-Dipartiment ta' l-Out-Patients bla Hdud li fisser inqas paga. Baqa' jaghmel xoghol ta' fattiga wahdu u kien inaddaf Dipartiment shih ta' 20 kamra b'kollox. Talab l-ghajnuna izda qatt ma tawh. Semma li certu Ganni Axiaq li hu nazzjonalist u li hu fattiga fl-istess Sptar Generali ta' Ghawdex, jahdem il-Hdud u jnaddaf 4 kmamar. Kiteb bosta ittri lis-CGMO biex imur jahdem f'xi post bil-Hdud u festi izda kienu dejjem fin-negattiv.

Semma li zewg Health Assistants bhalu, certu George Sacco u Joe Grima u ohrajn li ma ftakarx, li waslu minn Malta, bdew jahdmu gewwa l-Isptar ta' Ghawdex il-Hdud u l-festi pubblici, fit-taqsima tas-C.S.S.D. Il-policy tad-Dipartiment kienet meta xi health assistant jigi jahdem minn Malta, ma jahdmux il-Hdud mill-ewwel, halli jahdmu dawk li gew qabilhom, izda dawn, minhabba l-kulur politiku taghhom hadmu. Wara sena u tmien xhur bla Hdud u wara bosta ittri, fl-14 ta’ Mejju 1991 beda jahdem mill-gdid il-Hdud u l-festi pubblici, fid-Dipartiment ta' l-Emergenza, bir-roster ta' A, B, OFF, OFF, Night, Night, OFF izda ma tantx gawda dik ir-roster ghax tnehhiet mill-Isptar.

Xehed <u>Salvu Attard</u> Departimental Nursing Manager u semma li r-rikorrent kien jahdem il-Medical Records bil-Hdud u l-festi u ghalhekk kien jiehu allowance extra li ma kienx jaf kemm kienu. F’Settembru 1987 r-rikorrent intbaghat jahdem l-Out Patients bhala cleaner. Kien jahdem fuq speci ta’ roster li kien jinkludi l-Hdud. Qablu kien hemm Charlie Mifsud u Tommy Casha li mill-Out Patients intbaghtu Security Guards fil-bieb ta’ l-isptar fuq talba taghhom. Ir-roster kienet twaqqfet f’Awissu 1989 u dawn fuq struzzjonijiet minn Malta. Ix-xhud kien baghat ghar-rikorrent u staqsieh jekk riedx imur l-Out Patients u safejn jiftakar hu r-rikorrent accetta li jmur imma bir-roster li kien biha. Dwar Mifsud u Casha qal li llum dawn huma Health Assistants, u semma x’ inhuma d-doveri taghhom. Meta r-rikorrent kien spicca minghajr roster kienu nkitbu xi ittri biex din tinghatalu lura u fil-fatt is-sitwazzjoni trangat fl-14 ta’ Mejju 1991 meta tpogga fuq roster fil-General Service. Kienet harget l-ordni mid-Dipartiment tas-Sahha li l-outpatients u l-medical records ma jahdmux b’roster. Jekk jintbaghat xi hadd jahdem bir-roster minn Malta ghal Ghawdex mhux bil-fors li jibqa’ jahdem bir-roster.

Xehdet <u>Rita Galea</u> Nursing Officer fis-sala tat-tfal ta’ l-Isptar Generali ta’ Ghawdex. Bejn l-1982 u l-1988 kienet tahdem l-outpatients fl-istess Sptar Generali ta’ Ghawdex. Semmiet li Charlie Mifsud u Tommy Casha minn fattiga marru jahdmu Security fil-Gate ta’ l-isptar xi ghaxar snin qabel ma xehdet u ghadhom jahdmu hekk sal-lum. Qalet

li r-rikorrent f'xi zmien kien jahdem l-Out Patients bhala cleaner izda ma kenitx taf min mar minfloku. Semmiet li minn qabel l-1982 fl-Out Patients kienu jahdmu l-Hdud u l-festi u li b'hekk il-paga kienet titla' hafna. F'Awissu 1989 spiccaw il-Hdud u r-rikorrent kien ilu jahdem hemm xi sena u nofs.

Xehed Dr Anthony Livori Agent Supretendent Mediku fl-Isptar ta' Ghawdex li semma li jaf lir-rikorrent jahdem fl-X-Ray Department. Semma li Frank Mifsud li hu Hospital Auxiliary beda jahdem fil-Medical Records mill-24 ta' Frar 2000 u jahseb li beda jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent. Semma li zewg impjegati ghalkemm huma fattiga qed jaghmlu xoghol ta' filing, jiehdu hsieb il-files u l-affarijiet u jzommu l-post nadif.

Xehdet Suzanne Portelli ghan-nom tas-Supretendent tal-Isptar ta' Ghawdex li semmiet li r-rikorrent impjegat bhala Hospital Auxiliary Skala 18 li jinkludi fost affarijiet ohra cleaning duties.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li fl-1989 is-sezzjoni tal-Outpatients tal-Isptar ta' Ghawdex ma kellhiex tibqa' tiftah fil-Hdud u fil-festi u kawza ta' dan ir-rikorrent tilef l-allowances tal-Hdud u l-festi. Certament dan ma jammontax ghal xi ingustizzja minhabba li t-Tabib Principali tal-Gvern ghandu kull dritt li jiddeciedi fuq il-hinijiet u liema sezzjonijiet ghandhom ikunu miftuha ghall-pubbliku. Huwa l-istess Tabib Principali li hu responsabbli ghall-policies amministrattivi u dana skond il-htigijiet li jhoss wara evelwazzjoni tac-cirkostanzi kollha.

Izda rrizulta wkoll illi r-roster tar-rikorrent kien jitbiddel spiss hafna. Ir-rikorrent sostna li baghtu lir-rikorrent fl-Outpatients Department sabiex jakkomodaw zewg fattigi, Charlie Mifsud u Thomas Casha li minn fattigi lahqu Security Guards u minhabba f' hekk ir-rikorrent tilef l-allowances tal-Hdud u festi. Irrizulta wkoll li waqt li r-rikorrent kellu xoghol estensiv li wahdu jrid inaddaf ghoxrin kamra kien hemm impjegati li kellhom tindif ta' erbat ikmamar biss. Irrizulta wkoll li xi Health Assistants

fosthom George Sacco u Joe Grima li kienu ghadhom kif waslu minn Malta u bdew jahdmu fl-Isptar Ghawdex immedjatament bdew jahdum l-Hdud u l-festi pubblici fit-taqsima tas-C.S.S.D. ghalkemm il-policy kienet li dawk li jigu minn Malta jridu jistennew lil dawk li gja jkunu qeghdin Ghawdex.  Illi dan kollu fil-fehma tat-Tribunal jammonta ghal ingustizzja fil-kawza tat-transfers moghtija lir-rikorrent u tilef il-flus u f' dan ir-rigward jichad l-eccezzjoni tal-intimat u jordna li jinghata kumpens ta' Lm 600.

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------